**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 ta' Mejju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**-vs-**

**Lydon Xerri, detentur tal-Karta tal-Identita' 7294M**

***Kumpilazzjoni Nru. 561/2015***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lydon Xerri u ċioè talli:

Nhar l-1 ta' Frar, 2015, ghall-habta tat-01:45am, gewwa Bahar ic-Caghaq limiti tan-Naxxar-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Paul Farrugia f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija natura gravi;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Martin Cachia f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa;
3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga ghad-detriment ta' Paul Farrugia;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar it-28 ta' Frar, 2013, mill-Magistrat Dr M. Hayman, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikunsidra lil hati bhala recidiv ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Paul Farrugia u Martin Cachia u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-Artiklu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi dan hu kaz li jirrigwarda incident li sehh nhar l-1 ta' Frar, 2015, fis-sighat bikrin ta' filghodu gewwa Bahar ic-Caghaq fil-parking tal-istabbiliment Casablanca. Hadd mill-partijiet lezi ma xehed f'dawn il-proceduri - wiehed illum mejjet u l-iehor ghazel ma jixhidx tenut kont li fil-konfront tieghu hemm pendenti proceduri penali li jirrigwardaw dan l-istess kaz.

Illi jirrizulta li l-imputat stess kien irraporta <u>minnufih</u> dak li hu ppercepixxa bhala aggressjoni fil-konfront tieghu meta fil-hin li kien ghaddej argument bejnu u bejn it-tfajla tieghu fil-karozza pparkjata fil-parking quddiem Casablanca, persuna li wara sar jafha bhala Paul Farrugia, qabad u fetah il-bieba tal-passigier, fejn kien hemm it-tfajla, Christina Zammit. Wara li qallu ma jindahalx, qabad u saq izda peress li

kienu qed issiru xoghlijiet fuq in-naha minn fejn solitament wiehed isuq ghall-barra, rega' irriversja u hekk kif beda jsuq il-barra persuna ohra qabzet fuq il-bonnet u bdiet taghti daqqiet ta' ponn fuq il-windscreen u fuq is-saqaf tal-vettura tieghu, tant li l-vettura saritilha mal-€1200 hsara. Farrugia jghid li baqa' jaghti fuq it-tieqa tan-naha tal-passiggier. Xerri nnega li tajjar lil xi hadd u sahaq li l-hsarat fuq il-vettura ma kienux kompatibbli ma hsarat li jsiru meta jitajjar bniedem.[1]

Illi mill-**Current Incident Report**[2] jirrizulta li Xerri u Zammit taw l-istess verzjoni tant li *"they told the male persons to leave the scene but they did not want to and started banging on the windscreen and so Xerri Lydon tried to drive off. As a result the male persons continued hitting the windscreen causing damages."*.

Illi l-**Ispettur Luke Bonello** ta rendikont tal-investigazzjonijiet li saru dwar dan il-kaz fejn semma' li aktar tard fl-istess jum ghal xi 5pm, sar rapport minn certu Paul Farrugia u Martin Cachia li *"rrapurtaw bazikament li waqt li kienu qeghdin flimkien barra Casa Blanca kienu semghu tfajla twerzaq u tghajjat ghall-ghajjut, u huma kienu marru biex jaraw x'kien qed jigri, fejn kienu fethu l-bieb u din l-istess tfajla kienet dilerata u bdiet tghajjat li l-istess Lydon kien ha jhebb ghaliha. Huma rrapurtaw li f'hin minnhom ix-xufier kien telaq minn fuq il-post u kienu sfaw imtajra. Minn naha tieghu Paul Farrugia kien gie certifikat li kien sofra griehi ta' natura gravi u Martin Cachia kien gie certifikat li kien sofra griehi ta' natura hafifa"*.[3] Kien gie ezaminat *cctv footage* izda ma tefa' l-ebda dawl fuq id-dinamika tal-incident.

Illi **Dr. Satya Brata Das** kkonfermat li Farrugia u Cachia kienu marru Mater Dei nhar it-2 ta' Frar, 2015 fl-10am u ghalhekk iktar minn 24 siegha wara li suppost sfaw mtajjra minn Xerri! Filwaqt li Farrugia soffra *"trauma to the right shoulder, right eye and right knee and on x-ray we found that he has a fracture of the right shoulder"* li gew certifikati bhala gravi minhabba li jdumu ma jfiqu, Cachia kien soffra *"trauma over back, left knee, right middle finger and some abrasion over the left side of the forehead and nose"*.[4]

---

[1] Vide Stqarrija a fol.6-7
[2] Fol.12
[3] Fol.24-25
[4] Fol.32-33; Vide certifikati fol.34-35

Illi **WPS 50 Oriana Spiteri** xehdet li kienet hi li marret fuq il-post u kellmet lil xhud okulari li qalilha li *"kien hemm persuna li kellu vettura ta' Renault Megane ta' kulur skur u dan saq gass down. Qalli li kien inqala' argument bejn xi persuni u dan il-persuna tal-vettura tar-Renault kien laqat xi karozzi wkoll u saq bi speed eccessiv. Saq bi speed eccessiv biex johrog il'barra minhabba l-fatt illi dak dak iz-zmien hemmhekk kienet maghluqa, sewwa, il-bicca, allura huwa saq biex johrog minn hemm, sabha maghluqa u kif qalli dan tal-hotdogs rega' dar lura biex johrog minn fejn dahal, biex niftehmu hekk. Huwa qalli wkoll illi dan ra ragel itir fl-arja pero' meta ahna ccekkjajna ma sibna lil hadd. Dorna l-akkwati biex naraw jekk kienx hemm xi hadd forsi li kellu bzonn l-assistenza jew hekk. Ambulanza ma ssejhitx fuq il-post u ma kien hemm xejn. Lanqas, fis-sens nies li talbuna l-assistenza."*[5]

Dan ix–xhud okulari baqa' ma giex prodott f'dawn il-proceduri, u ghalhekk dak kollu li seta' ddikjara mas-surgent jammonta biss ghal *hearsay* u mhux ammissibbli bhala prova.

Is-surgent kompliet tispjega kif ghal xi 5pm marru l-ghassa ta' Birkirkira Cachia u Farrugia *"qaluli li aktar kmieni fil-ghodu kien sfaw imtajra minn vettura quddiem Casablanca gewwa Bahar ic-Caghaq. Paul Farrugia qal li huwa kien qieghed quddiem Casablanca u sema' tfajla twerzaq u tghajjat ghall-ajjut. Huwa qal li mar biex jiftah il-bieba tal-vettura fejn kienet din it-tfajla ghax hija kienet fuq in-naha tal-passiggier fuq quddiem u l-persuna li kien maghha hebb ghalih. Paul qalli wkoll li x'hin ra hekk huwa dahal bejn xi karozzi u qasam faccata biex jevita l-argument. Huwa qalli wkoll illi l-vettura li dan, l-istess vettura jigifieri l-Megane kienet saqet fid-direzzjoni ta' Paul u tajritu. Jigifieri tajret lilu stess. U b'hekk dan tal-Megane sab il-passagg maghluq minhabba li kien hemm xi xogholijiet li qeghdin isiru. Rega' gie lura bi speed eccessiv u konsegwenza t'hekk kien ittajjar Martin Cachia. Jiena hadt il-verzjoni ta' Martin ukoll Cachia, fejn qalli li kien qieghed quddiem Casablanca u f'daqqa wahda ra lil din il-vettura li laqtitu u baqa' sejjer. Saqsejthom ghalfejn dak il-hin ma kienux cemplu l-ambulanza jew kienu cemplu lilna stess il-Pulizija, u qalli ghax kien sema' lil tal-hotdogs jitkellem ma xi hadd u qisu haduha for granted li jcemplu ghall-assistenza. Jien staqsejthom jekk kienux hebbew ghax-xufier tal-vettura. Tal-vettura jigifieri tar-Renault Megane u qaluli, u Paul qalli li kien ta daqqa ta' ponn fuq il-windscreen ta' din l-istess vettura."*.

[5] Fol.36-37

Il-qorti hawnhekk tistqasi kif seta' jintlaqat Farrugia minn Xerri jekk fi kliemu stess *"dahal bejn xi karozzi u qasam faccata biex jevita l-argument"?* Certament lanqas ma jaghmel sens li ambulanza ma ssejhitx ghax assumew li la semghu lil tal-hotdogs jitkellem ma xi hadd, xi hadd cempel ghaliha! Fil-fatt ghalkemm lanqas ma wasslu l-pulizija, naqsu milli jcemplulhom huma stess; ma kien hemm xejn milli jimpedihom icemplu ghall-ambulanza kif raw li din ma waslitx jew li jmorru policlinic jew l-isptar huma stess! Jirrizulta wkoll li kien biss fuq suggeriment tal-Pulizija[6] li dawn marru l-isptar, tant li kif xehdet Dr Drata Das u kif jixhdu c-certifikati mahruga minnha lanqas marru dakinhar filghaxija stess (1 ta' Frar, 2015 meta iddecidew jirrapurtaw l-ghassa ta' Birkirkara) izda l-ghada fl-10am tat-2 ta' Frar. <u>Bla dubbju fatti li jkomplu jnisslu dubbji dwar kemm hi veritjera l-verzjoni li taw il-pulizija fejn ma jridx jintnesa li filwaqt li Xerri baqa' sejjer dritt l-ghassa (02:12 fl-1 ta' Frar, 2015)[7], Farrugia u Cachia ghamlu rapport 14 il-siegha wara fil-5pm u meta mitluba mill-pulizija jiccertifikaw l-griehi li garrbu ghazlu, bil-kalma kollha, li jmorru l-ghada filghodu, 2 ta' Frar!</u> Kummenti ulterjuri huma superfluwi.

PS Spiteri imbghad tghaddi biex tiddikjara li *"Paul qalli li kien ta daqqa ta' ponn fuq il-windscreen ta' din l-istess vettura"*[8] u dan meta qabel kien spjega li kien qasam ghall-faccata! X'gieghlu jerga' javvicina l-vettura ta' Xerri? Mhemmx dubbju li dak li Farrugia u Cachia rrakontaw lil Spiteri jammonta biss ghal *hearsay* izda jikkorobora dak li Xerri kien sahaq meta qal li ragel minnhom beda jaghti daqqiet ta' ponn fuq il-windscreen. Difficli jitwemmen li persuna li ttajjret terga' tqum u taghti daqqiet fuq *windscreen*; ghandu aktar mis-sewwa li d-daqqiet saru qabel u kienu l-kawza ghaliex Xerri pprova jahrab minn fuq il-post kif jixhed anke quddiem din il-Qorti.

Illi **Christina Zammit**, it-tfajla ta' Xerri fiz-zmien li sehh dan il-kaz, xehdet kif kienu niezlin lura minn Paceville u bdew jargumentaw. Iddecidiet li riedet tmur tiltaqa' ma ommha Casablanca. Waqfu fil-parking quddiem il-post *"Konna qeghdin hemmhekk insomma nargumentaw u f'daqqa u l-hin nisma l-bieba tinfetah jiena tan-naha tieghi. U qisu beda jghidli x'gara x'gara u hekk….wiehed ma nafx min hu jiena, u ghidtlu jimporta*

---

[6] *"Ta min jghid li huma gew mitluba jirrikorru ghall-assistenza medika u jipprezentaw ic-certifikati gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara mill-aktar fiss possibli."* - fol.16A
[7] Fol.12
[8] Fol.37

*taghlaq il-bieba qed nargumentaw ahna issa jitrangaw l-affarijiet, u ried jibqa bil-bieba miftuha hu, u nsomma gbidt il-bieba jiena u ghalaqtha. U ddecidejna li nitilqu, u ahna u sejringhidtlu mhux minn dik in-naha Ly trid tghaddi jien minn din in-naha, u kienet maghluqa fin-naha ta' fejn suppost tohrog. U sakemm qed idawwar biex johrog narawhom it-tnejn zewgt irgiel tilghin fil-karozza jsabbtu mall-bibien jippruvaw jiftuhli l-bieba tieghi u tieghu. …. Qatt ma rajthom f'hajti qabel. ….Bdew ihabbtu mall-windscreen faqawhulu kollu, l-karozza kollha daqqiet, imbaghad soqna lejn l-ghassa nzilna lejn l-ghassa*[9]*….. Inzilna l-ghassa mall-ewwel.".*[10] Zammit tichad li dawn l-irgiel setghu ntlaqqtu minn Xerri u tenniet li kien argument normali bejniethom fejn qatt ma tablet ghall-ghajuna.[11] In kontro-ezami tikkoncedi biss li forsi kienu qed jghajjtu ftit izzejjed u li ghall-ewwel ragel wiehed tfacca li fethilha l-bieba biex jara kienx kollox sew *"Imbaghad ahna soqna u jien ghidtlu mhux minn hemm Ly ghidtlu dawwar minn naha l-ohra u minn fejn ghidtlu jiena kienet maghluqa t-triq, u sakemm qed idawwar biex jerga johrog ghan-normali lahqu gew dawn it-tnejn.".*[12]

Illi l-imputat **Lydon Xerri** ghazel li jixhed u spjega kif min Paceville kien niezel lejn Bugibba fejn toqghod Christina meta fit-triq inqala' argument u riedet tieqaf fejn ommha li kienet Casablanca. Ikompli *"Jiena dhalt hemmhekk, argumentajna fil-karozza, ghajtet xi naqra hi wkoll u jiena u sejjer lura lejn id-dar, lejn San Pawl, f' daqqa wahda gew zewgt (2) irgiel, fethu l-bieba tan-naha taghha,…. Irriversjajt biex nohrog lura ghax hemmhekk taghlaq it-triq. Gejt biex nohrog lura u ftajt mal-genb jien, naqra l hawn minn tal-hotdogs. U f' daqqa wahda gew zewgt (2) irgiel, jigru, fethu l-bieba tan-naha taghha, u jien bhal speci ghidtilhom: "Tindahlux bejnietna. Dawn affarijiet ta' bejnietna." U jiena soqt biex nohrog il-barra. U dak iz-zmien kienu qed jirrangaw it-triq. Minflok ghaddejt minn naha tal-gabbana, ghaddejt minn naha ta' wara. Sadattant gew jigru, bdew ikissru l-karozza u jaghtu bis-sieq … wiehed minnhom ma' nafux, wiehed minnhom ghandi idea tieghu, ghax kont nafu qabel f' certu zmien…. Dawn gew jigru u kissruli l-windscreen, qabzuli fuq il-bonnet, bdew jaghtu daqqiet u ppruvaw jifthuli l-bieba u dik ghandha sensor, il-Megane, li meta timxi certu mili, tissakkar wahdu u mn' Alla. It-tfajla twerzaq u tghajjat, werwritni. Lili bezzghatni. Bdew jaghtu bid-daqqiet, kissruli l-windscreen, ghamluli b' xi tnax-il mija (1200) hsara. Jiena soqt, u tlaqt nigri lejn l-Ghassa*[13]*…. dak il-hin ma' nistax nghidlek l-ispeed, imma jiena*

[9] Fol.56
[10] Fol.59
[11] Fol.58
[12] Fol.60-61
[13] Fol.105-107

*ridt nohrog minn hemm, ghax jiena ssakkart u bdew jaghtu daqqiet mal-karozza, faqughli l-windscreen. Kissruli l-genb tal-karozza".*[14] Xerri jispjega li wara sar jaf li dak li fetah il-bieba tan-naha tal-passigier kien Farrugia.[15]

Illi fuq dawn ir-rizultanzi processwali u mill-konsiderazzjonijiet gja maghmula, minn fejn ix-xhieda ta' Xerri issib korroborazzjoni minn Zammit, u fejn il-qorti issib diffikulta` tirrikoncilja l-verzjoni ta' Cachia u Farrugia (ghalkemm wahda li tibqa' xejn ghajr *hearsay*) ma dak li ghandu mis-sewwa u mal-logika fid-dawl ta' kif attwalment sehhew l-fatti u senjatament ir-riluttanza taghhom li jirrikorru kemm ghal ghand il-Pulizija kif ukoll anke ghall-ghajnuna medika, din il-Qorti qatt ma tista' ssib htija fl-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-imputat qed jigi liberat minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[14] Fol.108
[15] Fol.111